MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 62/2004

**Continental Purchasing Co. Ltd**
**Vs**
**Crown Hotels Limited**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi is-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' dsatax-il efl mija tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm19,183.71) import ta' dsatax-il kambjala li skadew rispettivament fil-15 ta' Lulju, 2000, fil-15 ta' Awissu, 2000, fil-15 ta' Settembru, 2000, fil-15 ta' Ottubru, 2000, fil-15 ta' Novembru, 2000, fil-15 ta' Dicembru, 2000, fil-15 ta' Jannar, 2001, ffil-15 ta' Frar, 2001, fil-15 ta' Marzu, 2001, fil-15 ta'April, 2001, fil-15 ta' Mejju, 2001 fil-15 ta' Gunju, 2001, fil-15 ta' Lulju, 2001,fil-15 ta' Awissu, 2001, fil-15 ta' Settembru, 2001, fil-15 ta' Ottubru, 2001, fil-15 ta' Novembru, 2001, fil-15 ta' Dicembru, 2001 u fil-15 ta' Jannar, 2002, - kopji tal-kambjali hawn annessi u mmarkati bhala Dom A sa J;**

**Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex tissalda dan l-ammont hija baqghet inadempjenti;**

**Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;**

**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghalieax dina l-Qorti ma ghandhiex (l) taqta u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' dsatax-il elf mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehd u sebghin centezmu (Lm19,183.71) – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.**

**Bl-imghax kalkolat mill-15 ta' Dicembru, 2001 sal-effettiv pagament u bl-ispejjes komprizi dawk tal-itttra ufficjali tas-27 ta' Dicembru, 2003 kif wkoll dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalemnt mal-presenti kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;**

**Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;**

**Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

**Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kif mitluba kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------